**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 66/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Mitchell D'Amato**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mitchell D'Amato ta' 31 sena, iben Alexander u Rita nee Bellizzi imwieled gewwa l-Pieta nhar l-4 ta' Mejju 1989 u resident gewwa 33, Maria Guzeppi, Vjal Blue Grotto, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 210889M

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2021 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa 33, Maria Guzeppi, Vjal Blue Grotto, Zurrieq u fil-granet u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin

fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lil missieru u cioe Alexnder D'Amato biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tieghu, liema reat twettaq ripetutament

U aktar talli fl-istess gurnata lok u hin:

2. volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €2,500 ghad-dannu ta' missieru u cioe Alexander D'Amato;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil missieru Alexander D'Amato;

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mitchell D'Amato a beneficju ta' Alexander D'Amato u l-familjari tieghu u dan fit-terminu tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-persuni ta' Alexander D'Amato u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mitchell D'Amato b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi Mitchell D'Amato sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-parti offiza, u rat li d-difiza ma ipprezentatx nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilha prefiss.

**Il-Fatti**

5. Fit-30 ta' Jannar 2021 Alexander D'Amato u ibnu Keith D'Amato ghamlu rapport lill-iSkwadra ta' kontra l-Vjolenza Domestika fil-konfront tal-imputat, li jigi iben Alexander D'Amato u hu Keith D'Amato. Dan ir-rapport sar fuq diversi insulti u theddid li huma qalu li l-imputat kien ghamel fil-konfront ta' Alexander D'Amato. Huma qalu li l-argument ta' bejniethom skala tant li l-imputat sar aggressiv fl-imgieba tieghu, tant li ikkaguna hsara volontarja fir-residenza fejn joqghodu t-tlieta li huma, kif ukoll kisser il-mobile ta' Alexander D'Amato. Huma qalu wkoll li din ma kinietx l-ewwel darba li l-imputat gab ruhu b'dan il-mod.

6. Konsegwenza ta' dan ir-rapport, l-imputat gie arrestat, u ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

7. Il-Qorti tibda' biex tghid li f'dawn il-proceduri Alexander D'Amato u Keith D'Amato talbu li jigu ezentati milli jixhdu fil-konfront tal-imputat, stante li ma xtaqux li jixhdu kontra binhom u huhom rispettivament. Il-Qorti laqghet it-talba taghhom.[1]

[1] Ara digrieti moghtija fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 a fol. 37 tal-process u tas-16 ta' Novembru 2022 a fol. 90 tal-process.

8. In oltre fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 il-parti offiza Alexander D'Amato irtira l-kwerela tieghu fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni dedotti kontra l-imputat. Ghaldaqstant, il-procediment fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet huwa ezawrit.

9. Ghalhekk il-Qorti hija imsejjha biex tiddeciedi biss l-ewwel imputazzjoni li l-imputat ikkaguna biza li se tintuza vjolenza kontra missieru, u t-tieni imputazzjoni ta' hsara volontarja.

10. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu ma hux kapaci jikkontrolla t-temperament tieghu, u li f'din l-okkazzjoni kien aggressiv b'mod verbali ma' missieru kif ukoll kisser il-mobile ta' missieru u xi oggetti li kien hemm fir-residenza. In oltre, huwa ammetta wkoll li din ma kinietx l-ewwel darba li kellhom disgwid simili, u lanqas kienet l-ewwel darba li missieru ghamel rapport lill-Pulizija fil-konfront tieghu.

11. Alexander D'Amato ma xehedx f'dawn il-proceduri fuq talba tieghu stess, u lanqas ipproduca stima tal-valur tal-oggetti mkissra. Pero mill-provi in atti jirrizulta li l-oggetti li l-imputat kisser kienu jinkludu mobile u zewg statwi li kienu jzejnu d-dar, liema statwi kienu ta' daqs pjuttost kbir.[2] Ghalhekk il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li huwa ragonevoli li jinghad li d-danni kagunati mill-imputat kienu jeccedu l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) izda ma jeccedux l-ammont ta' elfejn u hamest elef Euro (€2,500).

12. Pero mill-istqarrija jidher li l-imputat – u probabbilment iz-zewg hutu wkoll – kellu tfulija difficli hafna, u tal-inqas dak iz-zmien kellu rabja go fih ghal dak li ghadda minnu, li kien jattribwieh in parti lil missieru. Waqt l-istqarrija huwa ammetta li kellu problema ta' *anger management*, ghalkemm qatt ma fittex ghajnuna professjonali. Huwa wera wkoll ir-rimors tieghu ghal dak li gara.

13. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew debitament ippruvati skond il-ligi.

---

[2] Ara ritratt a fol. 35 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

14. Kif diga' inghad, il-parti offiza Alexander D'Amato hafer lill-imputat u irrinunzja ghal dawk l-imputazzjonijiet li kienu rinunzjabbli.

15. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, jidher li r-relazzjoni bejn iz-zewg partijiet tjiebet hafna, tant li b'digriet tas-6 t'April 2022, din il-Qorti irrevokat *contario imperio* in parte l-Ordni ta' Protezzjoni li kienet harget fit-8 ta' Frar 2021, u zammitha fermha biss fir-rigward li l-imputat ma setghax jersaq lejn ir-residenza tal-parti offiza. Dan nonostante fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom Alexander D'Amato u Keith D'Amato[3] iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-imputat jerga' jmur jabita maghhom.[4]

16. B'digriet tal-24 ta' Lulju 2023, din il-Qorti kien harget Ordni Temporanja ta' Supervizjoni fuq l-imputat. B'nota tal-10 t'Ottubru 2023,[5] l-Ufficjal tal-Probation informa lill-Qorti li tul ix-xaharejn li kien ilu jsegwi lill-imputat, l-imputat ikkopera mieghu bis-shih, attenda ghall-appuntamenti kollha u tkellem b'mod apert fuq kull aspett ta' hajtu. Fil-fatt huwa rega' ammetta mal-Ufficjal tal-Probation li l-abbuz li sofra waqt it-trobbija tieghu halla emozzjonijiet ta' rabja u dispjacir fuqu illi huwa baqa' jgorr mieghu tul iz-zmien. Huwa qal ukoll lill-Ufficjal tal-Probation li huwa kien ilu xahrejn taht kura psikjatrika biex sabiex jindirizza din is-sitwazzjoni. Mit-testijiet ta' l-urina ma irrizultax li l-imputat kellu xi vizzju tad-droga jew xi vizzju iehor.

17. Fl-ahhar zewg noti ta' andament dwar l-imputatipprezentati fis-17 ta' Marzu 2025[6] u fid-19 ta' Mejju 2025,[7] l-Ufficjal tal-Probation iddikjara li l-imputat baqa' jikkopera tul il-perjodu ta' supervizjoni. Hajtu hija wahda strutturata u stabbli, u jghix hajja ta' bzulija. Huwa jinsab f'relazzjoni stabbli u ghandu s-sostenn tas-siehba tieghu kif ukoll tal-familjari. L-Ufficjal tal-Probation jghid li l-indikazzjonijiet huma illi l-imputat rrizolva d-differenzi illi kellu mal-familjari, u li ma jezistux aspetti problematici f'hajjet l-imputat illi jirrikjedu attenzjoni partikolari jew supervizjoni intensiva.

---

[3] Ghal korrettezza irid jinghad li l-imputazzjonijiet huma kollha fil-konfront ta' Alexander D'Amato u Keith D'Amato qatt ma talab li jigi ammess bhala parti offiza f'dawn il-proceduri.
[4] Ara fol. 140 tal-process.
[5] Ara fol. 121 tal-process.
[6] Ara fol. 141 tal-process.
[7] Ara fol. 143 tal-process.

18. Dan nonostante il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li ghalkemm il-fedina penali tal-imputat hija wahda netta, Alexander D'Amato ghamel diversi rapporti precedenti ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-imputat, u dawn ir-rapporti imorru lura ghas-sena 2009. Pero Alexander D'Amato dejjem hafer u irrinunzja ghall-imputazzjonijiet fil-konfront ta' ibnu. Irid jinghad ukoll, li ma kienx hemm rapporti ohra wara l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri.

19. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li ghalkemm m'hux opportun li tinhareg Ordni ta' Trazzin, ghax lanqas il-parti offiza stess ma tridha, ikun prudenti li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation sabiex ikompli jindirizza, okkorrendo anke bl-assistenza ta' professjonisti ohra, l-effetti tat-trawmiet li ghadda minnhom waqt it-tfulija tieghu, sabiex huwa jibqa' miexi l-quddiem fil-hajja personali u socjali tieghu. B'hekk tigi mhux biss assigurata r-rijabilitazzjoni tieghu, izda jigi evitat li l-imputat jikkaguna xi dannu lil terzi u/jew lilu innifsu u/jew jigi evitat li l-imputat jikkommetti reati ohra fil-futur.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tiddikjara li fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, il-procediment hu ezawrit stante li l-parti offiza irtirat il-kwerela pendenti dawn il-proceduri;

    2. Wara li rat l-Artikoli 251B(1), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iii)(v) u (j) u 325(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti kontra tieghu.

    3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

21. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car li jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

22. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**